# DEĊIŻJONI TAL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA LI TADOTTA L-BAĠIT EMENDATORJU 1/2021 – CT/CA-043/2020/01MT

IL-BORD TAL-AMMINISTRAZZJONI TAĊ-ĊENTRU TAT-TRADUZZJONI GĦALL-KORPI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jistabbilixxi Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni"), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003 tat-18 ta' Ġunju 2003,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tat-22 ta' Settembru 2019 applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea (Ref. CT/CA-028/2019),

Billi:

(1) Kwalunkwe emenda għall-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għandha tkun is-suġġett ta' baġit emendatorju adottat skont l-istess proċedura bħall-baġit inizjali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni;

(2) Il-Bord tal-Amministrazzjoni għandu jadotta baġits emendatorji abbażi tal-abbozzi mħejjija mid-Direttur;

ADOTTA KIF ĠEJ:

## Artikolu 1

Il-baġit emendatorju 1/2021, kif anness għal din id-deċiżjoni, qiegħed b'dan jiġi adottat.

## Artikolu 2

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmula fil-Lussemburgu, il-31 ta' Mejju 2021.

Għall-Bord tal-Amministrazzjoni.

*(firma elettronika)*
Rytis Martikonis
President

Anness: Baġit emendatorju 1/2021

# **BAĠIT EMENDATORJU** 1/2021

CT/CA-043/2020/01MT

*WERREJ*


I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. TABELLA TAL-PREZZIJIET

C. DĦUL

D. NEFQA

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – ĦARSA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – DETTALJI

ANNESS 1 – PJAN TA' STABBILIMENT

I. INTRODUZZJONI

## A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fassal dan il-baġit emendatorju 1/2021 f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu tat-22 ta' Settembru 2019. L-għan ta' dan il-baġit huwa li jinkludi l-istruttura l-ġdida tad-determinazzjoni tal-prezzijiet kif approvata mill-Bord tal-Amministrazzjoni f'Marzu 2021, ir-riżultat tar-reviżjoni miċ-Ċentru ta' ċerti partiti tan-nefqa u s-surplus baġitarju mis-sena ta' qabel.

B'segwitu ta' din ir-reviżjoni, kien hemm ukoll bidliet fir-riżervi taċ-Ċentru.

It-trasferimenti li saru sa issa matul l-2021 ġew irreġistrati fil-baġit sabiex tiġi ppreżentata allokazzjoni aġġornata tar-riżorsi. It-trasferimenti huma inklużi fil-kolonna "Baġit emendatorju 1/2021" fit-Taqsima III, "Dikjarazzjoni tad-dħul u tan-nefqa – dettalji".

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'euro.

## B. TABELLA TAL-PREZZIJIET

Prezzijiet applikabbli fl-2021 mill-1 ta' Ġunju 2021

| **Servizz ipprovdut** | **Normali (EUR)** | **Bil-mod (EUR)** | **Urġenti (EUR)** | **Urġenti ħafna (EUR)** |
|---|---|---|---|---|
| Traduzzjoni (prezz għal kull paġna) | 87.00 | 82.00 | 108.00 | 156.00 |
| Traduzzjoni personalizzata (prezz għal kull paġna) | 82.00 | 78.00 | 102.00 | |
| Modifika (prezz għal kull paġna) | 172.00 | 163.40 | 215.00 | |
| Reviżjoni (prezz għal kull paġna) | 60.00 | 57.00 | 75.00 | |
| Editjar (prezz għal kull paġna) | 39.00 | 37.00 | 44.00 | |
| Traskrizzjoni (prezz għal kull minuta) | 8.50 | 6.50 | 10.50 | |
| Traskrizzjoni Awtomatika (prezz għal kull minuta) | EUR 2.00 | | | |
| Trademarks (prezz għal kull paġna) | EUR 39.05 għal 284 686 paġna | | | |
| Posteditjar ħafif (prezz għal kull paġna) | EUR 49.00 | | | |
| Paste 'n Go (prezz għal kull paġna) | EUR 82.00 | | | |
| Traduzzjoni Awtomatika (prezz għal kull paġna) | EUR 0.30 | | | |
| Disinji Komunitarji (prezz għal kull terminu) | EUR 4.00 | | | |
| Listi ta' termini (prezz għal kull terminu) | EUR 4.00 | | | |
| Reviżjoni ta' listi ta' termini (prezz għal kull terminu) | EUR 2.50 | | | |
| Terminoloġija (prezz għal kull persuna/jum) | EUR 900 | | | |
| Konsulenza lingwistika (prezz għal kull persuna/jum) | EUR 900 | | | |

| | |
|---|---|
| Sottotitolar (prezz għal kull minuta) | EUR 41.00 |

Tariffi addizzjonali applikabbli fl-2021 mill-1 ta' Ġunju 2021:

| **Tip ta' dokument** | **EUR** |
|---|---|
| Format kumpless (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira) | 15.00 |
| Format PDF u dokumenti stampati (prezz addizzjonali għal kull paġna tad-dokument sors) | 12.00 |
| Dokumenti Klassifikati / Sensittivi mhux klassifikati (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira) | 20.00 |
| Lingwa mhux tal-UE (prezz addizzjonali għal kull paġna u għal kull lingwa fil-mira) | 10.00 |
| Upload ta' dokument tal-web (prezz addizzjonali għal kull lingwa fil-mira fil-każ ta' fajls multipli jew għal kull talba fil-każ ta' fajls waħedhom) | 10.00 |

C. DĦUL

Id-dikjarazzjoni tad-dħul tinkludi l-emendi li ġejjin:

- Ġiet applikata żieda fil-partita 1099, ("Dħul minn klijenti ġodda") ta' EUR 774 200 (jiġifieri 424.5 %) minħabba l-iffirmar tal-ftehim il-ġdid mal-UPPE ("Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew").
- Is-somma li tikkorrispondi għall-eżitu tal-baġit li għandha tiġi riportata mill-2020, jiġifieri EUR 4.1 miljun, iddaħħlet bħala dħul għall-2021 (Partita 5000) taħt "Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti".
- B'segwitu tar-rikonoxximent tas-surplus mis-sena finanzjarja preċedenti, ma hemmx bżonn li jiġu ttrasferiti flus mir-"Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar" (Partita 5015).

D. NEFQA

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa tinkludi l-emendi li ġejjin:

- Ġie applikat tnaqqis fil-partita 2000, ("Kiri ta' bini u spejjeż assoċjati") ta' EUR 90 100 (jiġifieri – 3.9 %) minħabba l-kuntratt ta' bini ġdid (fis-seħħ mid-19 ta' Ottubru 2021).
- Żieda fil-partita 2020, ("Ilma, gass, elettriku u tisħin") ta' EUR 34 900 (jiġifieri 16.7 %) u fil-partita 2030 ("Tindif u manutenzjoni") ta' EUR 33 200 (jiġifieri 14.7 %) sabiex tiġi koperta t-tariffa tal-2020.
- Ġiet applikata żieda fil-partita 2120, ("Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni ta' software u sistemi") ta' EUR 71 100 (jiġifieri 3.6 %) sabiex jinżamm ir-rilaxx il-ġdid tal-eCdT u tal-prodotti relatati marbuta mal-pjan ta' trasformazzjoni.
- Ġiet applikata żieda fil-partita 2353, ("Ġarr ta' dipartimenti") ta' EUR 22 000 minħabba r-rilokazzjoni tal-persunal fil-bini.
- Żieda ta' EUR 3 513 993 fil-Partita 10003, ("Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar"). Dan huwa riżultat tal-introduzzjoni tas-surplus baġitarju u tal-previżjoni mill-UPPE. Ir-riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar tammonta għal EUR 5 954 846.

Il-bidliet li ġejjin saru fil-pjan ta' stabbiliment fl-Anness 1:

- Il-pożizzjoni temporanja AST6 inbidlet għal pożizzjoni temporanja AD8 sabiex il-pożizzjoni vakanti għall-Kap tat-Taqsima tal-Faċilitajiet u s-Sigurtà tiġi allinjata mal-grad minimu meħtieġ għal din il-

pożizzjoni (AD8), f'konformità mad-deċiżjoni dwar it-titoli tal-karigi u biex jitqiesu l-iżviluppi reċenti fil-ġestjoni ta' binjiet aktar ekoloġiċi.

- Il-pożizzjoni temporanja AST4 inbidlet għal pożizzjoni temporanja AD6 sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tad-Dipartiment tal-Informatika. B'segwitu tal-awditu tal-eCdT mill-IAS, ġie nnutat li ċ-Ċentru kien f'riskju li jitlef l-għarfien tal-funzjonament tal-eCdT u bħala tali jkun f'riskju, bi ksur potenzjali tal-manteniment tal-applikazzjoni tal-attività ewlenija tiegħu u tal-għodda tal-ġestjoni tal-fluss tax-xogħol. Iċ-Ċentru rrikonoxxa r-riskju u ddeċieda li joħloq rwoli ġodda fid-Dipartiment tal-Informatika biex jiżgura l-preservazzjoni tal-għarfien rilevanti u l-għarfien espert. Sabiex jinżamm dan il-livell ta' għarfien, wara l-pjan ta' trasformazzjoni taċ-Ċentru u l-ħolqien ta' servizzi ġodda li huma profondament integrati fi ħdan l-eCdT, iċ-Ċentru issa jrid jirrekluta koordinatur tal-iżvilupp u arkitett.

Dawn il-bidliet isiru f'konformità mal-Artikolu 38(1)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għaċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, li permezz tiegħu l-bord tal-amministrazzjoni jista', taħt ċerti kundizzjonijiet (eżerċizzju ta' valutazzjoni komparattiva mwettaq kull sena), jimmodifika l-pjan ta' stabbiliment sa 10 % (fil-prinċipju) tal-karigi awtorizzati.

It-trasferimenti baġitarji bejn partiti tal-baġit matul is-sena huma inklużi fil-baġit emendatorju 1/2021 kif ġej:

**SENA FINANZJARJA 2021: TRASFERIMENTI WARA L-**APPROVAZ**ZJONI TAL-BAĠIT INIZJALI** 2021

| **Operazzjoni ta' kreditu** | **Data** | **Minn partita** | **Sa partita** | **EUR** |
|---|---|---|---|---|
| 2598 | 25/02/2021 | 2050, "Sigurtà u sorveljanza tal-bini" | 2010, "Assigurazzjoni" | 2 400 |
| 2600 | 17/05/2021 | 2100, "Xiri, xogħol fuq, servizzjar u manutenzjoni ta' hardware u software" | 2040 "Arredament tal-post" | 66 300 |

## II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA – ĦARSA ĠENERALI

| Titolu | Intestatura | Ammont ġdid 2021 | Baġit emendatorju 1/2021 | Baġit 2021 |
|---|---|---|---|---|
| | **DĦUL** | | | |
| 1 | **PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI** | 45 002 300 | 774 200 | 44 228 100 |
| 2 | **SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI** | **p.m.** | 0 | **p.m.** |
| 3 | **KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI** | 629 900 | 0 | 629 900 |
| 4 | **DĦUL IEĦOR** | 642 150 | 0 | 642 150 |
| 5 | **TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MINN SNIN PREĊEDENTI** | 4 120 043 | 2 810 893 | 1 309 150 |
| | **Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti** | 4 052 543 | 4 052 543 | **p.m.** |
| | **Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar** | **p.m.** | -1 241 650 | 1 241 650 |
| | **Riżerva għall-investimenti eċċezzjonali** | 67 500 | 0 | 67 500 |
| 6 | **RIFUŻJONIJIET** | **p.m.** | 0 | **p.m.** |
| | **TOTAL** | 50 394 393 | 3 585 093 | 46 809 300 |
| | **NEFQA** | | | |
| 1 | **PERSUNAL** | 27 571 500 | 0 | 27 571 500 |
| 2 | **BINI, TAGĦMIR U NEFQA OPERAZZJONALI MIXXELLANJA** | 8 350 700 | 71 100 | 8 279 600 |
| 3 | **NEFQA OPERAZZJONALI** | 10 958 200 | 0 | 10 958 200 |
| 10 | **RIŻERVI** | 3 513 993 | 3 513 993 | **p.m.** |
| | **Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar** | 3 513 993 | 3 513 993 | **p.m.** |
| | **TOTAL** | 50 394 393 | 3 585 093 | 46 809 300 |

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA 2021 – DETTALJI

| Partita Artikolu Kapitolu Titolu | Deskrizzjoni | Baġit emendatorju 1/2021 | Delta | Baġit 2021 | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| | **DĦUL** | | | | |
| 1099 | Dħul mill-klijenti ġodda | 956 600 | 774 200 | 182 400 | Dokumenti: 1 900 paġna; Servizz tat-Traduzzjoni Personalizzata ddedikat |
| *109* | Artikolu 109 | 956 600 | 774 200 | 182 400 | |
| 10 | ĦLASIJIET MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI | 42 078 700 | 774 200 | 41 304 500 | |
| 1 | **PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI, L-UFFIĊĊJI, L-ISTITUZZJONIJIET U L-KORPI** | **45 002 300** | **774 200** | **44 228 100** | **L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.** |
| 2 | **SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI** | **p.m.** | 0 | **p.m.** | |
| 3 | **KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI** | **629 900** | 0 | **629 900** | |
| 4 | **DĦUL IEĦOR** | **642 150** | 0 | **642 150** | |
| 5000 | Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti | 4 052 543 | 4 052 543 | p.m. | Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament Finanzjarju taċ-Ċentru tat-22 ta' Settembru 2019. |
| *500* | Surplus riportat mis-sena finanzjarja preċedenti | 4 052 543 | 4 052 543 | p.m. | |
| 5010 | Trasferiment minn "Riżerva għall-investimenti eċċezzjonali" | 67 500 | 0 | 67 500 | It-trasferiment mir-"Riżerva għall-investimenti eċċezzjonali" jikkorrispondi għan-nefqa fil-Kapitolu 32, "Nefqa relatata mal-programm eCdT". |
| 5015 | Trasferiment minn "Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar" | p.m. | -1 241 650 | 1 241 650 | It-trasferiment mir-"Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar" huwa meħtieġ biex ikun ibbilanċjat il-baġit. |
| *501* | Trasferimenti minn riżervi minn snin preċedenti | 67 500 | -1 241 650 | 1 309 150 | |
| 50 | SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MINN SNIN PREĊEDENTI | 4 120 043 | 2 810 893 | 1 309 150 | |
| 5 | **SURPLUS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN RIŻERVI MINN SNIN PREĊEDENTI** | **4 120 043** | **2 810 893** | **1 309 150** | |

| Partita Artikolu Kapitolu Titolu | Deskrizzjoni | **Baġit emendatorju 1/2 021** | Delta | **Baġit 2021** | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| **6** | **RIFUŻJONIJIET** | **p.m.** | 0 | **p.m.** | |
| | **Dħul Totali** | **50 394 393** | **3 585 093** | **46 809 300** | |
| | **NEFQA** | | | | |
| **1** | **PERSUNAL** | **27 571 500** | 0 | **27 571 500** | |
| 2000 | Kiri ta’ bini u spejjeż assoċjati | 2 243 200 | -90 100 | 2 333 300 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-ħlas ta’ kirjiet ta’ bini jew partijiet ta’ bini u l-ispazji għall-parkeġġ użati miċ-Ċentru. |
| *200* | Investiment fil-proprjetà immobbli, kiri ta’ bini u spejjeż assoċjati | 2 243 200 | -90 100 | 2 333 300 | |
| 2010 | Assigurazzjoni | 13 500 | 2 400 | 11 100 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-primjums ta’ poloz tal-assigurazzjoni fir-rigward tal-bini jew ta’ partijiet ta’ bini okkupati miċ-Ċentru. |
| *201* | Assigurazzjoni | 13 500 | 2 400 | 11 100 | |
| 2020 | Ilma, gass, elettriku u tisħin | 243 600 | 34 900 | 208 700 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-infiq ta’ rutina. |
| *202* | Ilma, gass, elettriku u tisħin | 243 600 | 34 900 | 208 700 | |
| 2030 | Tindif u manutenzjoni | 258 700 | 33 200 | 225 500 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-ispejjeż tat-tindif (tindif regolari, xiri ta’ prodotti tat-tindif, tal-ħasil tal-ħwejjeġ u prodotti tad-dry-cleaning, eċċ.), spejjeż ta’ manutenzjoni għat-tagħmir u installazzjonijiet tekniċi (lifts, tisħin ċentralizzat u l-installazzjonijiet tal-arja kondizzjonata, eċċ.) u spejjeż għar-rimi ta’ skart. |
| *203* | Tindif u manutenzjoni | 258 700 | 33 200 | 225 500 | |
| 2040 | Arredament tal-post | 82 300 | 66 300 | 16 000 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-arredament tal-post u t-tiswijiet tal-bini. |
| *204* | Arredament tal-post | 82 300 | 66 300 | 16 000 | |
| 2050 | Sigurtà u sorveljanza tal-bini | 221 000 | -2 400 | 223 400 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri nfiq mixxellanju fuq bini relatat mas-sigurtà u s-sikurezza, b’mod partikolari kuntratti li jirregolaw is-sorveljanza tal-bini, il-kiri u l-fornitura ta’ tagħmir għat-tifi tan-nar, ix-xiri u l-manutenzjoni ta’ tagħmir għat-tifi tan-nar, is-sostituzzjoni ta’ tagħmir għal uffiċjali li jaġixxu bħala voluntiera fit-tifi tan-nar, u l-ispejjeż tat-twettiq ta’ spezzjonijiet statutorji. |
| *205* | Sigurtà u sorveljanza tal-bini | 221 000 | -2 400 | 223 400 | |

| Partita Artikolu Kapitolu Titolu | Deskrizzjoni | **Baġit emendatorju 1/2 021** | Delta | **Baġit 2021** | Rimarki |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 | INVESTIMENT FIL-PROPRJETÀ IMMOBBLI, KIRI TA' BINI U SPEJJEŻ ASSOĊJATI | 3 062 300 | 44 300 | 3 018 000 | |
| 2100 | Xiri, ħidma fuq, servizzjar u manutenzjoni ta' hardware u software | 2 491 200 | -66 300 | 2 557 500 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri x-xiri jew il-kiri ta' hardware tal-kompjuter, l-iżvilupp tas-software, il-manutenzjoni tas-software jew l-imballaġġ tas-software u d-diversi oġġetti ta' konsum tal-ipproċessar tad-*data* , eċċ. Tagħmir ta' telekomunikazzjoni, magni tal-fotokopji u magni tal-istampar huma rreġistrati wkoll f'din il-partita. |
| *210* | It-teknoloġija tal-informatika | 2 491 200 | -66 300 | 2 557 500 | |
| 2120 | Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-software u s-sistemi | 2 042 200 | 71 100 | 1 971 100 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-infiq tal-persunal operattiv estern (operaturi, amministraturi, inġiniera tas-sistemi, eċċ.). |
| *212* | Servizzi tat-teknoloġija tal-informatika | 2 042 200 | 71 100 | 1 971 100 | |
| 21 | IPPROĊESSAR TAD-*DATA* | 4 533 400 | 4 800 | 4 528 600 | |
| 2353 | Ġarr ta' dipartimenti | 25 000 | 22 000 | 3 000 | Din l-approprjazzjoni hija intiża sabiex tkopri l-ispejjeż tal-ġarr kemm ġewwa l-bini kif ukoll f'bini ġdid. |
| *235* | Nefqa operazzjonali oħra | 41 200 | 22 000 | 19 200 | |
| 23 | NEFQA AMMINISTRATTIVA ATTWALI | 253 400 | 22 000 | 231 400 | |
| **2** | **BINI, TAGĦMIR U NEFQA OPERAZZJONALI MIXXELLANJA** | **8 350 700** | **71 100** | **8 279 600** | |
| **3** | **NEFQA OPERAZZJONALI** | **10 958 200** | **0** | **10 958 200** | |
| 10003 | Riżerva għall-istabbiltà tal-ipprezzar | 3 513 993 | 3 513 993 | p.m. | Riżerva maħluqa fl-2011 għall-istabbiltà tal-ipprezzar. Fl-aħħar tal-2021, l-ammont totali tar-riżerva huwa EUR 5 954 846. |
| *1000* | Approprjazzjonijiet proviżorji | 3 513 993 | 3 513 993 | p.m. | |
| 100 | APPROPRJAZZJONIJIET PROVIŻORJI | 3 513 993 | 3 513 993 | p.m. | |
| **10** | **RIŻERVI** | **3 513 993** | **3 513 993** | **p.m.** | |
| | **Nefqa Totali** | **50 394 393** | **3 585 093** | **46 809 300** | |

## ANNESS 1 – PJAN TA' STABBILIMENT

| Gruppi ta' funzjoni u gradi | 2019<br>Mimlija fil-31.12.2019 | | 2020<br>Awtorizzati skont il-baġit tal-UE 2020 | | 2021<br>Talba taċ-Ċentru għall-abbozz tal-baġit tal-UE 2021 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Postijiet tax-xogħol permanenti | Persunal temporanju | Postijiet tax-xogħol permanenti | Postijiet tax-xogħol temporanji | Postijiet tax-xogħol permanenti | Postijiet tax-xogħol temporanji |
| **AD 16** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AD 15** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AD 14** | 0 | 0 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| **AD 13** | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| **AD 12** | 9 | 5 | 16 | 11 | 16 | 12 |
| **AD 11** | 4 | 4 | 8 | 5 | 10 | 5 |
| **AD 10** | 5 | 7 | 8 | 5 | 7 | 5 |
| **AD 9** | 5 | 4 | 5 | 13 | 5 | 15 |
| **AD 8** | 6 | 16 | 0 | 21 | 0 | 23 |
| **AD 7** | 7 | 18 | 5 | 26 | 5 | 28 |
| **AD 6** | 3 | 20 | 1 | 8 | 0 | 3 |
| **AD 5** | 1 | 12 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL TA' AD** | **41** | **86** | 45 | **90** | 45 | **92** |
| **AST 11** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AST 10** | 0 | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 |
| **AST 9** | 4 | 0 | 3 | 1 | 3 | 2 |
| **AST 8** | 1 | 3 | 1 | 2 | 1 | 1 |
| **AST 7** | 0 | 2 | 0 | 4 | 1 | 5 |
| **AST 6** | 1 | 7 | 1 | 7 | 0 | 8 |
| **AST 5** | 1 | 14 | 0 | 20 | 0 | 19 |
| **AST 4** | 0 | 8 | 0 | 12 | 0 | 11 |
| **AST 3** | 0 | 10 | 0 | 4 | 0 | 2 |
| **AST 2** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AST 1** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL TA' AST** | 7 | 44 | **6** | 50 | **6** | **48** |
| **AST/SC 6** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AST/SC 5** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AST/SC 4** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **AST/SC 3** | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **AST/SC 2** | 0 | 1 | 0 | 1 | 0 | 1 |
| **AST/SC 1** | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| **TOTAL TA' AST/SC** | 0 | **2** | 0 | **2** | 0 | **2** |
| | | | | | | |
| **TOTAL** | **48** | **132** | **51** | **142** | **51** | **142** |
| **TOTAL TAL-PERSUNAL** | **180** | | **193** | | **193** | |

Stima tan-numru tal-persunal kuntrattwali (murija f'ekwivalenti full-time)

| Gruppi ta' Funzjoni (FG) | 2019 (attwalment mimlija) | 2020 | 2021 |
|---|---|---|---|
| **FG IV** | 9,4 | 14,0 | 14,0 |
| **FG III** | 5,7 | 14,0 | 14,0 |
| **FG II** | 6,9 | 0,0 | 0,0 |
| **FG I** | 0,0 | 0,0 | 0,0 |
| **Total ta' CA** | **22** | **28** | **28** |